MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 199/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Josephine Tyler**

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Josephine Tyler ta’ 51 sena, bint Carmelo u Consiglia nee’ Cassar, imwielda Pieta’ fit-18 ta’ Lulju 1959 u residenti 40, Flat 2, Triq il-Merzuq, Birzebbuga u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 494459(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

1. Nhar il-11 ta’ Jannar 2010 iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, b’mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Jannar 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2011 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-4 ta’ Marzu 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, ikkunsidrat l-fatt li l-imputata ghandha l-fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’

Malta , tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------